MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru 5755/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**v.**

**John Grima**

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu presentat fit-8 ta' Gunju 2007, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputat fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq indikata fit-termini ta' l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali;

Rat id-digriet taghha ta' dik l-istess gurnata li permezz tieghu l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh ghal-lum;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghar-rikorrent kif ukoll lill-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-intimat imputat;

Rat l-attijiet tal-istruttorja; ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna huma brevement is-segwenti:

1. John Grima tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'assocjazzjoni fit-traffikar ta' medicina perikoluza (kokajina u *cannabis*), kif ukoll bl-importazzjonu u pussess tal-istess drogi. Huwa tressaq fis-26 ta' Jannar 2006.
2. Fid-9 ta' Frar 2006 huwa nghata minn dik il-Qorti l-helsien mill-arrest pendenti l-proceduri kontra tieghu bil-kundizzjoni, fost ohrajn, li huwa ma johrogx mir-residenza tieghu – hlief fil-kazijiet eccezzjonali espressament indikati fid-digriet relattiv – u fuq garanzija personali ta' ghaxart elef lira (Lm10,000); b'digriet sussegwenti tad-19 ta' Mejju 2006 l-imsemmi Grima gie awtorizzat li johrog mid-dar biss bejn it-8.00 u d-9.00 a.m. u bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m.
3. B'digriet tal-imsemmija Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Novembru 2006, Grima gie riarrestat u l-Qorti ordnat li l-obbligazzjoni ta' ghaxart elef lira tghaddi a favur tal-Gvern ta' Malta. Fl-imsemmi digriet dik il-Qorti stabbiliet bhala fatt pruvat li Grima kien barra mid-dar fl-24 ta' Mejju 2006 fid-disgha ta' filghaxija kif ukoll fl-ghaxra ta' filghodu fis-17 ta' Gunju 2006. F'dan id-digriet dik il-Qorti qalet, *inter alia*, hekk: ***"Tqis bhala pruvati l-allegazzjonijiet imressqa mill-Ufficjal Prosekutur fir-rikors tieghu u cioe` li ghal darbtejn John Grima kiser il-hinijiet tar-rinkazar (per parentesi moghtija lilu biex jezercita ruhhu mhux biex imur bilqieghda go cinema jew jiggieled u jkellem hazin lin-nies)."***
4. Fit-28 ta' Mejju 2007 John Grima rega' ppresenta rikors (fol. 334 tal-atti) fejn rega' talab li jinghata l-helsien mill-arrest. L-Avukat Generali wiegeb billi oppona ghar-raguni li "c-cirkostanzi tar-rikorrent ma inbidlux" (ara r-risposta tieghu ta' l-istess data, cioe` 28 ta' Mejju 2007). B'digriet motivat tal-4 ta' Gunju 2007 il-Qorti Istruttorja

regghet akkordat il-helsien mill-arrest lil Grima, b'kundizzjonijiet aktar rigoruzi u oneruzi minn dawk vigenti meta huwa kien gie ri-arrestat f'Novembru. Huwa dan id-digriet – tal-4 ta' Gunju – li l-Avukat Generali qed jikkontesta bil-procedura odjerna.

Din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz il-Qorti Istruttorja ezercitat, wara riflessjoni, id-diskrezzjoni taghha dwar jekk ghandhiex terga' takkorda l-helsien mill-arrest o meno. Huwa veru li l-ksur deliberat, u minghajr ebda forma ta' gustifikazzjoni, tal-hinijiet tar-rinkazar ma jistax jitqies bhala ksur li ma kienx "ta' konsegwenza serja" – huwa proprju ghalhekk, infatti li l-Qorti Istruttorja kienet mhux biss ordnat ir-riarrest ta' Grima izda wkoll ordnat li s-somma ta' ghaxart elef lira obbligazzjoni personali tghaddi favur il-Gvern. Mill-banda l-ohra, tenut kont taccirkostanzi kollha tal-kaz, ma jistax jinghad li l-Qorti Istruttorja ezercitat, fl-4 ta' Gunju 2007, id-diskrezzjoni taghha b'mod evidentement zbaljat mil-lat fattwali jew mil-lat legali (ara a propositu id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Frar 2006 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Bugeja u Piero di Bartolo***).

Ghall-motivi premessi, tichad it-talba ta' l-Avukat Generali. Notifika lill-partijiet u lill-Ispettur Norbert Ciappara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------